# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 2**

**Citazzjoni Numru 99/07 JPG**

**Vanna Arrigo; Marlene Micallef, Maurice Micallef ghan-nom tal-assenti Lilian Stellini; Gloria Zammit, Rosa Buttigieg; Anton Borg Olivier f'ismhu proprju u ghan-nom tal-assenti Angela Garguilo u Giulia Cocolo; Paul Borg Olivier; Rose Mary Borg Olivier de Puget; Monica Borg Olivier de Puget; Alexander sive Sander Borg Olivier; Peter Borg Olivier; Angela Simonds; Grace Demarco, Joan Gaffiero f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Julie Jones, Edward Borg Olivier, James Borg Olivier u Frederick Borg Olivier, Vivien Galea Pace, Patricia Anastasi, Nigel Pace, Karen Mifsud, Clair Gambin, Josette Zammit Maempel f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti Robert Borg Olivier, Ann Sultana u Bridget Cassar Borg Olivier**

**v.**

**Awtorita` ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar, Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors promotur imressaq mill-atturi fis-26 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu esponew is-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji ta' bicca art li tinsab f'Bahar ic-Caghaq fil-limiti tan-Naxxar u li ghandha kejl ta' iktar minn hamsa u ghoxrin elf metru kwadru (25,000 metru kwadru) , kif tidher delineata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta hawn annessa bhala Dokument "A";*

*"Illi tali art tinsab barra miz-zona ghall-izvilupp anke jekk ghandha faccata fuq triq pubblika maghrufa bhala Triq San Gwann l-Evangelista u faccata ohra fuq Triq maghrufa bhala Triq Santa Klara, kif jidher mid-Dokument "A";*

*"Illi l-kabinett kien hareg memo rigward revizjoni tal-Pjanijiet Lokali tramite razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp, liema memo giet inserit u pubblikata mill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar f' Mejju 2006 ;*

*"Illi sussegwenti ghal tali memo l-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u Ippjanar kienet ippublikat dokument ghall-konsultazzjoni pubblika f'Mejju 2006 fejn stabbiliet l-interpretazzjoni taghha fuq il-kriterji mghoddija mill-kabinett u li fuqhom kellhom jigu mhejjija l-Pjani Lokali permezz ta' razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp, kopja ta' liema hija in parti annessa bhala Dokument "B";*

*"Illi sussegwentement, f'Mejju 2006 inbeda l-process ghal tali razzjonalizzazjoni tal-konfini li kellhu jsir principalment ghab-bazi tal-memo tal-kabinett,*

*"Illi r-rikorrenti kienu resqu fil-hin it-talba taghhom quddiem l-istess Awtorita u anke pprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom fejn talbu li l-art fuq deskritta ghandha tigi inkluza fiz-zona ta' zvilupp fil-pjan lokali li jikkoncerna l-arja ta' Bahar ic-Caghaq;*

*"Illi fil-26 ta' Lulju 2006 il-Parlament, permezz ta' mozzjoni imressqa mill-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fil-24 ta' Lulju 2006, approva t-tfassiel tal-Pjanijiet Lokali permezz tar-razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp u dan wara li l-Awtorita' ghalqet il-process ta' razzjonalizzazzjoni li kellu abazi tieghu il-kriterji stabbiliti mill-Kabinett;*

*"Illi t-talba tal-esponenti giet michuda Awtorita'ta' Malta ghall-Ambjent u l-Izvilupp, bla avviz u bla raguni moghtija mill-istess, liema rifiut ta*

*inkluzjoni tat- talbiet taghhom gie maghrufa lill-esponenti mill-mozzjoni kif approvata mill- Parlament fis-26 ta' Lulju 2006;*

*"Illi l-Awtorita' naqset mill-twiegeb ghat-talbiet tal-esponenti biex hija tispjega r-raguni tar-rifjut, kif ukoll naqset mill-twiegeb ghat-talbiet tar-rikorrenti biex hija taghti, bhala awtorita' pubblika, ir-ragunijiet ta' inkluzjoni ta' bcejjec ta' art li ma kienux jissodisfaw il-kriterji tal-Kabinett, izda gew inseriti xorta wahda.*

*"Illi l-art tar-rikorrenti kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-intimati din tigi inkluza f' zona ta' zvillupp izda xorta wahda tali talba tar-rikorrenti giet michuda, mentri artijiet ohra li kienu jissodisfaw dawn il-kriterji bl-istess mod gew accettati u inkluzi;*

*"Illi minkejja li l-art tar-rikorrenti kienet tissodisfa tali kriterji stabbiliti u xorta giet rifjutata, artijiet ohra li ma jissodisfawx dawn il-kriterji gew accettati u inkluzi;*

*"Illi fl-inhawi immedjati tal-art tar-rikorrenti, l-Awtorita' inkludiet art fiz-zona ta' zvilupp liema decizjoni turi bic-car li dawn l-inhawi kienu jissodisfaw il-kriterji biex art tidhol fiz-zona ta' zvilupp.*

*"Illi tali agir abuziv tal-intimati ikkawza u qieghed jikkawza diskriminazzjoni fir- rigward tar-rikorrenti bejnhom u u bejn dawk is-sidien ta' artijiet ohra kemm dawk li bhalhom l-art kienet tissodisfa l-kriterji u gew accettati u anke ma dawk is-sidien ta' artijiet li l-art taghhom ma kienitx tissodisfa l-kriterji u gew accettati  Illi tali agir huwa abuziv u ultra vires billi l-intimati hadu in konsiderazzjoni kriterji li ma kienux stabbiliti mentri r-rifjutaw it-talba tar-rikorrenti minkejja li l-art taghhom kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti u dan kontra l-Artikolu 469A(1)(b);*

*"Illi in oltre tali agir jikkostitwixxi ukoll vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni Artikolu 45 u tal-Konvenzjoni Ewropea Artikolu 14 mehud in konsiderazzjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll billi l-imsemmi agir tal-intimati huwa agir disriminatorju;*

*"Illi tali rifjut ukoll jeffettwa d-dritt ta' proprjeta tar-rikorrenti billi jfixkel lir-rikorrenti fit-dgawdija tal-proprjeta taghhom u b'hekk johloq ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ghall- Konvenzjoni Ewropea;*

*"Jghidu ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi:*

*"1. Tiddikjara l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjani Lokali li jinkludi l-arja ta' Bahar ic-Caghaq fil-process tar-razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp huwa ultra vires billi ma segwitx il-kriterji stabbiliti;*

*"2. Tiddikjara l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjani Lokali li jinkludi l-arja ta' Bahar ic-Caghaq fil-process tar-razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp huwa abbuz tas-setgha tal-intimati billi tali rifiut sar ghal ghanijiet mhux xierqa u gie msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*"3. Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjani Lokali li jinkludi l-arja ta' Bahar ic-Caghaq fil-process tar-razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp tohloq vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm tal-artikolu 45 kif ukoll tal-artikolu 37 billi tivvjola d-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta u tivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoru kif fuq spjegat;*

*"4. Tiddikjara li l-ghemil li bih giet eskluza l-proprjeta tar-rikorrenti miz-zona ta' zvilupp fil-Pjani Lokali li jinkludi l-arja ta' Bahar ic-Caghaq fil-process tar-razzjonalizzazjoni tal-konfini ghall-izvilupp tohloq vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe tad-dritt tar-rikorrenti ghad-dgawdija tal-proprjeta, kif ukoll tal-Artikolu 14 mehud in konsiderazzjoni ma' Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u cioe diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti fit-dgawdija tal-proprjeta taghhom;*

*"5. Tiddikjara li l-art tar-rikorrenti tissodisfa l-kriterji stabbilieti sabiex din tigi inkluza f'zona ta' zvilupp u sussegwentement tordna lill-intimati sabiex jinkludu tali art bhala wahda li taqa' f'zona ta' zvilupp.*

*"Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghall -likwidazzjoni tad-danni."*

Rat ir-risposta guramentata tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali pprezentata fis-27 ta' Frar, 2007, li permezz taghha eccepew:

*"Illi preliminarjarament ma jirrizultax li giet ezebita xi prokura da parti ta' Lilian Stellini favur Maurice Micallef u minhabba f'hekk ghandha tingieb din il-prova da parti tar-rikorrenti;*

*"Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti m'huwiex il-legittimu kontradittur i;*

*"Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa ghall-approvazzioni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006, u dana a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 356;*

*"Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-disposizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant m'huwiex ipunjabbli abbazi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12;*

*"Illi minghajr pregudizzju ukoll, l-fatti kif esposti mir-rikorrenti ma jidhirx li huma ghal kollox veritjieri fl -intier taghhom;*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-8 ta' Marzu, 2007, li permezz taghha gie eccepit:

*"1. Illi preliminarjament, in kwantu ghat-talbiet rellativi ghall-inkluzjoni tal-art de quo ftz-zona tal-Izvilupp, l-Awtorita' esponenti m'hijiex il-legittimu kontradittur, stante illi l-Awtorita' esponenti m'ghandiex il-vires legali illi tinkludi art fiz-zona tal-izvilupp, u dan peress illi kull inkluzjoni gdida fiz-zona tal-Izvilupp taqa' fil- gurizdizzjoni tal -Parlament Malti;*

*"2. Illi ukoll preliminarjament, l-involviment tal-Awtorita' esponenti fil-kaz ta' tfassil u l-approvazzjoni ta' Pjan Lokali huwa li tapprova abbozz tal-istess Pjan Lokali, liema abbozz, biex jigi fis-sehh jehtieg ad validatem, l-approvazzjoni ministerjali jew parlamentari skont dak kontenut fih, u stante illi l-parti relattiva ghal dawk iz-zoni li kien propost li jkunu inkluzi fiz-zona tal-Izvilupp, u li kienet tehtieg approvazzjoni parlamentari, kienet lesta, ippublikata u maghrufa qabel il-hamsa (5) ta' Lulju 2006, u cioe' id-data meta tressqet ir-Rizoluzzjoni parlamentari mill-Onor Ministru quddiem il-kamra tad-Deputati. L-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita' esponenti hija ghalhekk preskritta a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.*

*"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-dispozizzjonijiet dwar il-Pjan ta' Struttura huwa wiehed legizlattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant huwa assurd u inammissibbli li dawn il-provedimenti jigu impunjati abazi tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12;*

*"4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap. 356, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006;*

*"5. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, imkien ma jidher illi r- rikorrenti ghandhom xi permess ghall-izvilupp tal-art mahrug mill-*

*Awtorita' kompetenti u ghaldaqstant m'ghandhom l-ebda dritt vestit, u ghaldaqstant it-tezi proposta mir-rikorrenti illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kienet obbligata, skont il-ligi, li tezegwixxi tali ripristinar u reintegtazzjoni hija assurda stante illi l-artikolu 18 (3A) tal-Kap. 356 jistabbilixxi li l-pjani ta' struttura ma jolqtux b'mod negattiv zoni li fuqhom inghataw permessi ghall-izvilupp validi mahruga qabel id-data tal-bidu fis-sehh tar-revizjoni tal-pjan ta' struttura;*

*"6. Illi rigward l-istess talba jinghad illi l-istess talba hija daqstant iehor insostenibbli stante illi l-art de quo ma tnehhietx miz-zona tal-izvilupp u ghaldaqstant m'hemmx lok ghal ebda reintegrazzjoni;*

*"7. Illi l-Awtorita' esponenti qdiet l-inkarigu taghha fil-kumpilazzjoni u tlestija tal-Pjan Lokali, liema ezercizzju kien jinkludi l-estenzjoni taz-zoni tal-Izvilupp, skont il-provvedimenti tal-Ligi, kif ukoll skont il-kriterji applikabbli, u skont liema krietrji l-art de quo ma kienetx tikkwalifika biex tkun inkluza fiz-zona tal-izvilupp;*

*"8. Illi minkejja illi huwa minnu illi l-art tar-rikorrenti, dejjem wara li l-istess rikorrenti jogghobhom jindikaw fuq pjanta liema hija l-art mertu tal-vertenza odjerna, stante illi kull ma jista' jsir f'dan l-istadju huwa suppozizzjoni minn naha tal-Awtorita esponenti, kienet originarjament inkluza bhala art li tikkwalifika fl-abbozz li inhareg ghall-konsultazzjoni pubblika, l-istess Awtorita' irrivediet il-pozizzjoni taghha minhabba informazzjoni sottomessa u mistharrga mill-istess Awtorita' matul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika liema nformazzjoni waslet lill-istess Awtorita' biex tirrivedi il-proposta hekk kif kontenuta fl-abbozz li kien gie ippublikat;*

*"9. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'hemm l-ebda bazi fuq xiex ir-rikorrenti jistghu jitlolbu d-danni sofferti mid-decizjoni tal-Parlament dwar l- emendi taz-zoni ta' konfini;*

*"10. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar- rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

*"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Ottubru, 2016, li in forza taghha ddecidiet billi, filwaqt li cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali u l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju u astjeniet milli tippronunzja ruha dwar it-tielet eccezzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, u r-raba' eccezzjoni tal-Avukat Generali u rriservat li tipprovdi ulterjorment fuq l-istess. Ordnat l-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez jibqghu riservati ghal gudizzju finali.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-Perit Frans Mallia**,** Assistent Direttur tal-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar, xehed permezz ta' affidavit a fol 54 – 57 illi matul il-process tat-tfassil u iffinalizzar tal-Pjan Lokali kienu gew analizzati is-sottomissjoniniet kollha li gew mressqa mill-pubbliku biex artijiet jigu inkluzi f'zoni ta' zvilupp, u b'rizultat ta' dan, kien thejja abozz li hareg ghall-konsultazzjoni pubblika f'Lulju tal-2002, li kien jinkludi wkoll xi proposti ghall-emendi fiz-zona tal-izvilupp. Spjega illi waqt dan il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika gew sottomessi numru ta' relazzjonijiet rigward l-art in kwistjoni, li jinsabu annessi mal-affidavit tieghu u mmarkati bhala Dok PSPR 801, Dok PSPR 2600 u Dok PSPR 2604. Kompla illi wara li gew evalwati dawn is-sottomissjonijiet irrizulta illi s-sit in kwistjoni xorta ma kkwalifikax skont il-kriterji tal-Kabinett u ghalhekk ma giex rrakkomandat mad-Direttorat tal-Ippjanar biex jigi inkluz fl-abbozz finali tal-ezercizzju, ghas-segwenti ragunijiet:
>
> > *"1.* peress illi huwa akbar minn 17,000 metri kwadri u ghalhekk ma jissodisfax il-grupp numru 2 tal-kriterji ghal Malta;
> >
> > *"2.* peress illi jinstab fuq in-naha ta' barra tat-triq li taghlaq iz-zona tal-izvilupp u ghalhekk mhux well-contained, b'konsegwenza illi ma ssodisfax il-kriterju B tal-kriterji komuni ghal Malta u Ghawdex;
> >
> > *"3.* peress illi parti minnu hija anqas minn 100m il-boghod minn kappella u ghalhekk ma jissodisfax il-kriterju F tal-kriterji komuni ghal Malta u Ghawdex.
>
> "Zied li fir-rigward ta' siti ohra li dahlu u li ssemmew, il-gustifikazzjoni tinsab fuq is-site eletroniku tal-MEPA, ghaliex fl-inhawi kollha kien hemm talbiet li skont il-ligi kienu jehtiegu gustifikazzjoni.

“Xehed illi finalment ir-risoluzzjoni, li giet diskussa sew fil-Kumitat tal-Kamra kif ukoll mill-Kamra tar-Rappresentanti matul Lulju 2006 waqt seduti pubblici, giet approvata fis-26 ta' Lulju 2006.

“Ikkonsidrat;

“L-intimati kollha eccepew illi m'humiex il-legittimi kontraditturi f'dan il-kaz. Fil-kaz tal-Avukat Generali, il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni hija nfondata peress illi l-Avukat Generali huwa dejjem il-legittimu kontradittur f'azzjoni li tkun qed tattenta l-impunjazzjoni tal-legislazzjoni promulgata mill-Parlament, u ghalhekk ghandha tigi michuda.

“Fir-rigward tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, jirrizulta mill-affidavit tal-Perit Frans Mallia, illi l-Awtorita ntimata kellha rwol estensiv u sostanzjali fl-ezercizzju meritu ta' din l-azzjoni, tant illi kienet responsabbli sabiex tirrakomanda jekk sit partikolari kellux jigi inkluz fl-abbozz finali, u d-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA kien gie sottomess lill-Parlament. Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti, il-Perit Mallia spjega fl-affidavit tieghu illi:

> “*Kemm fi stadju tal-iStanding Committee for Development Planing” kif ukoll fil-konsiderazzjoni tal-Kamra tar-Rapprezentanti ma kien hemm l-ebda risoluzzjoni imressqa sabiex is-sit jiddahhal fiz-zona tal-izvilupp u ghaldaqstant ma' giex inkluz fiz-zoni ta' zvilupp hekk kif approvati mill-Kamra tar-Rapprezentanti.*”

“Ghalhekk huwa car illi ghalkemm id-decizjoni finali ma kienetx tal-Awtorita, l-Awtorita ntimata xorta wahda kellha rwol deciziv fil-process, tant illi t-talba tar-rikorrenti lanqas biss waslet quddiem il-Parlament ghaliex ma tressqitx risoluzzjoni sabiex l-art proprjeta taghhom tiddahhal fiz-zona tal-izvilupp. Il-Qorti hija tal-fehma ghalhekk, illi l-gudizzju ma jistghax ikun intergu minghajr il-partecipazzjoni tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar f'dawn il-proceduri, fid-dawl tal-fatt illi jirrizulta li d-decizjoni finali kienet necessarjament ibbazata fuq ir-rakkomandazzjoni ghal rifjut tal-Awtorita ntimata, tant illi lanqas biss kienet tressqet risoluzzjoni koncernanti s-sit tar-rikorrent quddiem il-Parlament. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tal-Awtorita hija nfondata.

“Fir-rigward tal-Ministru ntimata, il-Qorti tqis illi ma gewx prodotti provi bizzejjed li juru li l-Ministru kellu xi rwol deciziv fl-ezercizzju impunjat, a kuntrarju tal-Awtorita. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-eccezzjoni tieghu ghandha tigi milqugha, u l-Ministru ntimata ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“Ikkonsidrat;

“M'huwiex kontestat illi dak li qed qieghed jigi impunjat permezz ta' din l-azzjoni m'huwiex eghmil amministrattiv, izda wiehed legislattiv. Dan

jammettuh ir-rikorrent stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. M'hemmx kontestazzjoni wkoll minn naha tar-rikorrent illi l-eghmil mertu ta' din l-azzjoni ma jistghax jigi mistharreg taht l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, galadarba m'huwiex eghmil amministrattiv. Huma jsostnu illi kien hemm drabi fejn il-Qrati Maltin ghamlu stharrig gudizzjarju ta' eghmil legislattiv, ukoll fil-kuntest ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

“Il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi huwa possibbli li eghmil legislattiv jista' jigi mistharreg mill-qrati, u dan ai termini tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet Carmelo Borg vs Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et, deciza fit-8 ta' Novembru 2005, il-Qorti tal-Appell irrilevat illi:

> “[g]*halkemm huwa veru li diversi awturi Inglizi, meta jirreferu ghal decizjonijiet li jittiehdu mill-amministrazzjoni pubblika, spiss jiddistingwu bejn funzjonijiet legislattivi, amministrattivi, gudizzjarji u ministerjali ta’ tali amministrazzjoni pubblika, fis-sistema legali taghna qatt ma gie dubitat li ligi sussidjarja tista’ tigi sindakata mill-Qorti ta’ gurisdizzjoni ordinarja – in effetti mill-Prim Awla – biex wiehed jara jekk tali ligi hix intra vires jew ultra vires is-setghat moghtija mill-Parlament. Id-dritt ta’ kull persuna li titlob lill-Qorti li hekk tissindika tali ligijiet illum huwa garantit bl-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni meta moqri flimkien mad-definizzjoni ta’ “ligi” moghtija fl-Artikolu 124(2) tal-istess Kostituzzjoni (bi dritt ta’ appell skont kif provvdut fl-Artikolu 95(2)(e) tal-istess Kostituzzjoni, cioe` lill-Qorti Kostituzzjonali u mhux lil din il-Qorti). Meta l-legislatur, bl-emendi introdotti fl-Artikolu 742 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili permezz tal-Att VIII tal-1981 ipprova jirrestringi u jillimita l-istharrig gudizzjarju tal-eghmil amministrattiv, kien evidenti li dawn l-emendi ma kienu b’ebda mod jolqtu jew jirreferu ghall-istharrig gudizzjarju tal-validita` ta’ ligijiet, sia jekk principali u sia jekk sussidjarji. Mod iehor, kien ikun ifisser li dawk l-emendi kienu jikkozzaw mal-imsemmi Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, anke meta dawn l-emendi gew abrogati fl-1995 u minflokhom dahal l-Artikolu 469A, kien evidenti li dana l-artikolu ma kien b’ebda mod intiz biex imiss jew xort’ohra jirregola il-“judicial review” ta’ ligijiet – stharrig gudizzjarju li baqa’ bla mittiefes proprju in virtu` tal-garanzija kontenuta fl-Artikolu 116*.”

“Illi pero, minkejja li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrent jippruvaw jargumentaw illi it-talba ghal stharrig gudizzjarju taghhom m'hijiex ibbazata fuq l-Artikolu 469A, fil-verita ir-rikors promotur taghhom jaghmel referenza espressa u specifika ghal dan l-Artikolu. Ir-rikorrenti premettew fir-rikors guramentat taghom:

> “...*Illi tali agir huwa abuziv u ultra vires billi l-intimati hadu in konsiderazzjoni kriterji li ma kienux stabbiliti mentri t-rifjutaw it-*

> *talba tar-rikorrenti minkejja li l-art taghhom kienet tissodisfa l-kriterji stabbiliti u dan kontra l-Artikolu 469A(1)(b);*"

> "Ir-rikorrent pero' jippretendu illi l-istharrig gudizzjarju li qed jitolbu huma huwa ukoll a bazi tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, meta fir-rikors promotur taghhom ghamlu referenza esplicita u unika ghall-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tikkonkludi illi r-rikorrenti ibbazaw l-allegazzjoni taghhom illi l-agir tal-intimati huwa ultra vires fuq l-Artikolu 469A, skont id-dicitura tal-premessa hawn fuq citata.

> "Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun f'qaghda li tikkonsidra li testendi l-ezami taghha biex tinkludi analizi fuq l-artiklu 116 tal-Kostituzzjoni, ir-rikorenti jehtigilhom jaghmlu talba ghal-korrezzjoni appozita sabiex wara li tigi notifikata il-kontroparti, il-Qorti tkun tista tqis ghadiex tilqa tali korezzjoni o meno skont il-ligi. Ghal dan il ghan, il-Qorti tipprefiggi terminu ta gimghatejn sabiex ir-rikorrenti jintavolaw talba ghal tali korrezzjoni.

> "Illi pero, l-azzjoni tar-rikorrenti ma kienetx biss ibbazata fuq l-Artikolu 469A, izda wkoll fuq l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja mehud in konsiderazzjoni mal-Ewwel Protokol, u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja, u dan kif jidher mit-tielet u r-raba' talba. Peress illi r-rikors gie intavolat quddiem din il-Qorti fil-gurisdizzjoni civili taghha, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet peress illi jezorbitaw il-kompetenza taghha. Ghalhekk, il-Qorti tikkonverti ruhha f'sede kostituzzjonali sabiex tkun f'qaghda li tezamina l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorità konvenuta, li in forza tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti, tannulla s-sentenza appellata deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-17 ta' Ottubru, 2016, u f'kaz li l-aggravju tan-nullità ma jigix milqugh, l-Awtorità appellanti titlob li l-istess sentenza tigi revokata u mhassra f'dik il-parti fejn iddecidiet eccezzjonijiet li ma kellhomx jigu decizi mill-ewwel Qorti u li tilqa' l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-istess Awtorità, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u tal-Avukat Generali, li permezz taghha talbet li din il-Qorti tirrespingi u tichad l-appell imressaq mill-appellant sa fejn l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju u minflok tikkonferma dik l-istess parti tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-17 ta' Ottubru, 2016, bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi appellati li permezz taghha talbu li l-appell interpost ghandu jigi michud stante li l-aggravji huma nfondati u s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju, 2017, fejn wara li l-partijiet itrattaw l-appell, dan baqa' differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jinghad mal-ewwel li jehtieg li din il-Qorti tinvesti punt importanti mqajjem fir-risposta tal-atturi appellati, dak fejn jinghad minnhom li l-appell huwa null u bla effett in kwantu s-sentenza appellata hija wahda *in parte*, u allura l-appell seta' jigi interpost biss wara li l-appellant ikun ottjena il-permess tal-qorti tal-prim'istanza sabiex jaghmel

l-istess appell, haga li l-Awtorità appellanti m'ghamlitx. Dana peress li jekk kemm-il darba l-appellati ghandhom ragun, ma jkunx jehtieg li din il-Qorti tqis l-appell imressaq mill-Awtorità konvenuta ulterjorment.

Huwa mifhum li dan il-punt imqajjem mill-atturi appellati jissejjes fuq l-Artikolu 231(1) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi:

> *"231. (1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
>
> *Izda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-ahhar sentenza biss bil-permess tal-qorti moghti fil-qorti bil-miftuh; u din it-talba ghal permess biex isir appell ghandha ssir jew verbalment meta tinghata s-sentenza jew b'rikors fi zmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jinghata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iz-zmien biex jizi prezentat l-appell relattiv ghandu jibda ghaddej mill-jum minn meta jinghata dak il-permess fil-qorti bil-miftuh."*

Minn ezami tal-atti huwa minnu li ma jirrizultax li l-Awtorità konvenuta talbet permess sabiex tinterponi appell mis-sentenza parzjali tas-17 t'Ottubru, 2016. Madankollu wiehed ghandu jzomm f'mohhu wkoll, il-provvediment tas-subinciz li jsewgi, cioè, l-Artikolu 231(2) fejn jinghad illi:

> *"231. (2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wiehed jew iktar minn konvenut wiehed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiz-zmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza."*

F'dan il-kaz, il-kawza kienet tolqot tliet konvenuti distinti u s-sentenza appellata lliberat lill-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, in kwantu rriteniet li dan il-konvenut ma kienx il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici; is-sentenza appellata hija wahda decisiva sakemm ma jsirx appell minnha fit-terminu stabbilit fil-ligi.

Dan jinghad ukoll fuq l-iskorta tad-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Ottubru, 2013, fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Zerafa et v. Emmanuel Cilia et,** fejn inghad:

> *"Fil-każ tallum l-Avukat Ġenerali ssejjaħ fil-kawża, u hekk sar wieħed mill-konvenuti, biex iwieġeb biss għall-kwistjoni "kostituzzjonali" u "konvenzjonali"; issa li dik il-kwistjoni nqatgħet, inqatgħet l-azzjoni kollha dwar dak il-konvenut partikolari, li issa ma fadallux aktar interess fil-kawża. Għalhekk l-appell mhux biss seta' jsir fil-waqt li fih sar iżda seta' jsir biss f'dak il-waqt għax il-liġi tgħid illi s-sentenza appellata "jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza", u mhux fil-jum tas-sentenza finali."*

Isegwi li dan il-punt imqajjem mill-atturi appellati ma jimmeritax indagni ulterjuri u jehtieg li din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-aggravji tal-Awtorità appellanti.  L-appell jissejjes principalment fuq tliet aggravji (i) in-nullità tas-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti ddecidiet oltrè dak li ntalbet, u b'hekk id-decizjoni hija wahda *ultra u/jew extra petita*; (ii) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata tiddeciedi li l-Awtorità hija l-kontradittrici legittima f'din il-kawza; u (iii) li l-ewwel Qorti zbaljat meta ppermettiet li jigi sanat difett insanabbli fir-rikors promotur.

Permezz tal-ewwel aggravju taghha, l-Awtorità appellanti tirreferi ghall-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar, 2008, fejn il-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha, liema verbal tikkontendi qatt ma gie emendat b'xi verbal sussegwenti. L-ewwel Qorti ddecidiet mhux biss l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha, izda ddecidiet ukoll it-tieni u r-raba' eccezzjoni tal-Avukat Generali u t-tieni eccezzjoni tal-Ministru konvenut. L-Awtorità appellanti thossa aggravata b'din id-decizjoni, in kwantu ebda provi ma tressqu mill-partijiet fir-rigward tal-eccezzjoni tal-Ministru intimat, kif wara kollox osservat mill-ewwel Qorti, peress li sa dak l-istadju kellhom jigu decizi l-ewwel tliet eccezzjonijiet taghha u xejn aktar. Ghalhekk l-Awtorità appellanti tishaq illi l-qorti in prim'istanza ddecidiet lil hinn minn dak li kellha tiddeciedi dwaru dak il-hin peress li ddisponiet minn eccezzjonijiet li ma kellhiex tippronunzja ruhha dwarhom f'dak l-istadju. Inoltrè tikkontendi li l-istess decizjoni hija wahda zbaljata u tilledi d-drittijiet taghha in kwantu ddghajjef il-posizzjoni taghha fil-kawza.

Minn ezami tal-process, din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-Awtorità appellanti. Jibda billi jinghad illi, ghalkemm fil-verbal tal-ewwel Qorti, diversament preseduta, tal-31 ta' Jannar, 2008, il-kawza thalliet ghad-decizjoni dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, madankollu il-kawza baqghet tigi differita ghal sitt snin shah ghal raguni jew ohra, sakemm il-kawza giet differita quddiem

l-ewwel Qorti kif preseduta mill-Imhallef li ddecidiet il-kawza. Jigi osservat ukoll li permezz tal-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014, fil-prezenza tal-avukati kollha li jippatrocinaw il-kontendenti fil-kawza, nghad hekk:

> *"Il-Qorti giet informata illi l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoinijiet preliminari ghaz-zmien konsiderevoli minhabba li kien hemm kawza b'meritu simili li kienet tinsab fl-istadju matur.*
>
> ***Il-Qorti taghraf illi l-partijiet ghandhom jittrattaw l-eccezzjonijiet preliminari*** *fis-seduta li jmiss."*
>
> Kif ukoll fil-verbal tas-seduta tat-28 t'Ottubru, 2015, inghad:
>
> *"Il-Qorti taghraf illi n-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi ghadha ma gietx pprezentata minkejja li kellha tigi pprezentata fl-1 ta' Marzu, 2015 u minkejja d-diversi estensjonijiet moghtija minn din il-Qorti.*
>
> *Ghaldaqstant, il-Qorti qed tawtorizza lill-atturi jipprezentaw in-nota taghhom fi zmien gimghatejn b'dan li minn issa il-Qorti qed tawtorizza lill-intimati jipprocedu biex jipprezentaw in-noti ta' osservazzjonijiet taghhom sat-30 ta' Dicembru, 2015.*
>
> ***Il-kawza differita ghat-trattazzjoni fuq l-eccezzjonijiet preliminari****…"*

Dawn il-verbali ma jhallu ebda dubju f'ghajnejn din il-Qorti li kellhom jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-partijiet. Hadd mid-difensuri tal-partijiet ma ntervjena sabiex jikkwalifika li kellhom jigu determinati biss l-eccezzjonijiet tal-Awtorità appellanti, jew li kien jonqos li jitressqu provi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-Ministru konvenut qabel ma tigi trattata tali eccezzjoni. Tant hu hekk, li l-konvenuti Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u l-Avukat Generali permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, itrattaw l-eccezzjonijiet preliminari taghhom ukoll. Ghalhekk certament ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti ddecidiet

*ultra jew extra petita* u hadd mill-partijiet m'ghandu jkun sorpriz li l-ewwel Qorti ddecidiet dik l-eccezzjoni preliminari tal-Ministru konvenut ukoll.

Isegwi li dan l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanti ma jimmeritax li jintlaqa' u konsegwentement ser jigi michud.

Imiss li jigi trattat it-tieni aggravju tal-Awtorità appellanti, dak fejn jinghad li l-ewwel Qorti ddecidiet b'mod zbaljat li hija l-kontradittrici legittima f'din il-kawza. Filwaqt li ticcita l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, hija tikkontendi li d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward hija zbaljata ghal zewg ragunijiet principali.

Fl-ewwel lok jinghad mill-Awtorità appellanti li ladarba l-azzjoni attrici tittanta timpunja legislazzjoni promulgata mill-Parlament, mhux kontestat li permezz tal-azzjoni odjerna qieghed jigi attakkat eghmil legislattiv u mhux dak amminstrattiv. Hija tislet estensivament mill-provvedimenti tal-ligi sabiex tishaq li r-rwol taghha kien wiehed konsultattiv, peress li l-*vires* ahhari sabiex issir revizjoni tal-Pjan ta' Struttura huwa vestit fil-Kamra tad-Deputati u mhux fuqha. L-Awtorità appellanti tattakka wkoll il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti sa fejn inghad minnha li hija kellha rwol estensiv u sostanzjali fl-ezercizzju mertu tal-azzjoni u dan tishaq li jmur kontra l-principji ta' dritt stabbilit mill-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati. Hija tishaq li bhala entità teknika fil-

qasam tal-Ippjanar tal-Izvilupp, tat ir-rakkomandazzjonijiet taghha lill-Istat fuq kriterji li kienu mfassla mill-Kabinett, dwar ir-revizjonijiet li kienu qeghdin jigi proposti fil-Pjan ta' Struttura. Izda bhal kull espert tekniku jew konsulent iehor involut fil-process ta' thejjija ta' ligi ma kellhiex twiegeb peress li finalment il-ligi tigi approvata mill-Istat.

Fit-tieni lok hija tikkontesta wkoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq il-bazi li "*kienet responsabbli sabiex tirrakomanda jekk sit partikolari kellux jigi inkluz fl-abbozz finali, u d-dokument finali bil-posizzjoni tal-MEPA kien gie sottomess lill-Parlament."* Dana peress li apparti li r-rakkomandazzjonijiet taghha kienu msejsa fuq kriterji stabbiliti mill-Kabinett u mhux minnha, kif wara kollox ghamlu rakkomandazzjonijiet persuni jew organizazzjonijiet ohra, dawn ma kenux decizjonijiet vinkolanti fuq il-Pjan ta' Struttura, jew revizjoni tal-istess, peress li fl-ahhar mill-ahhar il-Parlament ghandu l-*vires* legali li jiddeciedi. Tispjega li r-rwol taghha kien biss stadju wiehed mill-process shih, peress li l-abbozz tal-Pjan jigi riferut ukoll lill-*iStanding Committee for Development Planning* tal-Parlament li wkoll jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu. Hekk ukoll l-istess Ministru responsabbli ghandu rwol, kif definit bl-istess ligi, inkluz fost affarijiet ohra li jirrevedi jew jikkonferma l-abbozz ta' Pjan propost u li jhejji *position statement* dwar ir-revizjonijiet proposti fil-Pjan ta' Struttura li jitressaq quddiem il-Kamra. L-Awtorità appellanti tghid li

b'analogija anke l-Ministru kkoncernat ghandu rwol estensiv, izda tibqa' tinsisti li r-rwol decisiv kien dak tal-Parlament u mhux taghha.

F'dan il-kuntest, din il-Qorti tqis tassew importanti x-xhieda tal-Perit Frans Mallia fejn inghad minnu li l-Unit tieghu fi hdan il-MEPA kienet "*responsabbli ghat-tfassil u l-iffinalizzar tal-Pjani Lokali, inkluz il-Pjan in kwistjoni"*, u li jikkonsidraw it-talbiet imressqa mill-pubbliku. Is-sottomissjonijiet maghmula gew analizzati mill-MEPA qabel ma thejja l-abbozz li hareg ghall-konsultazzjoni tal-pubbliku fl-2002. L-abbozz kien jinkludi proposti ghall-emendi fiz-zona ta' zvilupp. Jghid ukoll li waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni, saru sottomissjonijiet mill-pubbliku, inkluz rapprezentant tal-atturi appellati, sabiex is-sit in kwistjoni jiddahhal fiz-zona tal-izvilupp. Jinghad minnu wkoll illi: *"Wara li gew evalwati dawn is-sottomissjonijiet li dahlu waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika, irrizulta li s-sit xorta ma ikkwalifikax skont il-kriterji tal-Kabinett u ghaldaqstant, is-sit ma giex rrakomandat mid-Direttorat tal-Ippjanar biex jigi nkluz fl-abbozz finali tal-ezercizzju.*"

Wara li kkonsidrat din ix-xhieda, kif ukoll il-provvedimenti tal-ligi applikabbli ghall-kaz in ezami, (Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta), din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tqis illi fil-verità ghalkemm dan huwa biss l-ewwel stadju ta' process legislattiv, fil-verità, l-Awtorità appellanti, bhala l-awtorità kompetenti fil-materja, f'dak l-istadju hadet decizjoni, dik li s-sit

propost mis-sidien atturi ma kienx jikkwalifika ghall-inkluzjoni tieghu fl-abbozz li finalment wasal quddiem il-Parlament. Huwa veru li din ir-rakomandazzjoni kienet soggetta ghall-iskrtunju tal-bord tal-MEPA, u tal-i*Standing Committee for Development Planning* tal-Parlament, kif ukoll ghar-rizoluzzjoni tal-Ministru koncernat, kif jispjega l-istess perit Mallia. Izda fil-fehma ta' din il-Qorti, xorta tibqa' "*decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika*" ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk ma jiswa xejn il-paragun li l-Awtorità appellanti tittanta taghmel bejn ir-rakomandazzjoni taghha ma' sottomissjonijiet li jsiru minn individwi u organizazzjonijiet ohra, jew ta' pariri ta' konsulenti ohra – dawk mhumiex awtoritajiet pubblici, li kienu vestiti bid-dover li jixtarru t-talbiet tal-pubbliku u jressqu d-decizjoni, jew ir-rakomandazzjoni taghhom fuq l-istess talbiet, lill-Ministru jew Bord jew Kumitat, skont il-kaz.

Il-perit Mallia jghid li is-sit in kwistjoni kien ritenut li ma jikkwalifikax skont il-kriterji imhejjija mill-Kabinett, u dan fil-verità jkompli jsahhah il-fehma ta' din il-Qorti, li l-Awtorità uzat id-diskrezzjoni taghha sabiex tevalwa it-talba maghmula mis-sidien tal-art, a bazi ta' kriterji li kienu stabbiliti minn qabel, sabiex tasal ghall-konkluzjoni taghha. Din id-decizjoni tal-Awtorità ghandha xorta tkun suggetta ghall-iskrutinju tal-qrati f'ezercizzju li fih jintalab stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva,

aktar u aktar meta, f'dan il-kaz, ma jirrizultax li l-Ministru koncernat jew il-Parlament gew infurmati bl-applikazzjoni attrici u c-cahda tal-istess mill-MEPA.  Din il-Qorti tghid ukoll li ghalkemm huwa minnu li fil-kaz in ezami, d-decizjoni ahharija tispetta lill-Parlament u ghalhekk dan iwassal ghal stharrig legislattiv, izda xejn ma jostakola li individwu jitlob stharrig gudizzjarju tad-diversi fazijiet involuti, kemm dak tal-eghmil amministrativ ezercitat mill-Awtorità konvenuta appellanti, dan dejjem entro t-terminu prevvist mill-ligi taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, kif ukoll dak legislattiv ezercitat mill-Parlament.

Issa, meta din il-Qorti ezaminat it-talbiet attrici, ssib li tassew l-azzjoni attrici kienet imfassla fuq zewg binarji, dak ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva taht l-Artikolu 469A(1)(b), kif wara kollox kien specifikat fil-premessi tal-atturi appellati, kif ukoll li l-istess eghmil tal-intimati jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atturi jittantaw ibiddlu parti mir-rotta tal-azzjoni mressqa minnhom meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jghidu li jaqblu li l-azzjoni taghhom hija wahda sabiex jigi mistharreg eghmil legislattiv, li ma jaqax taht l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.  Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-atturi hadu l-opportunità li jaghmlu din il-kjarifika fid-dawl tat-tieni eccezzjoni tal-Awtorità appellanti, dik ta' dekadenza tal-azzjoni ai termini tal-Artikolu 469A(3), eccezzjoni li ghada mhux deciza.

Huwa ritenut illi meta l-atturi appellati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, quddiem l-ewwel Qorti, stqarrew illi "… *jaqbel li dak li qed jigi mistharreg f'din il-kawza huwa ghemil legislattiv. Huwa jaqbel ukoll li ghemil legislattiv ma jaqax biex jigi mistharreg taht l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12, imma huwa xorta ghemil li jista' jigi mharreg mill-Qrati jekk dak l-ghemil ma jkunx sar skont il-ligi jew jkun sar bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent*", huma rrinunzjaw ghal dik il-parti tal-azzjoni attrici, kif impostata fil-premessi taghhom, fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Fil-fehma ta' din il-Qorti ladarba l-atturi appellati rrinunzjaw ghall-pretensjonijiet taghhom ai termini tal-Artikolu 469A, dak ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv, il-pretensjonijiet taghhom fil-konfront tal-Awtorità appellanti ma jistghux jibqghu sostenibbli. Dana peress li kif inghad qabel, din l-Awtorità pubblika hija soggetta ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjonijiet amministrattivi taghha, izda certament mhix soggetta ghal stharrig gudizzjarju ta' natura legislattiva. Is-sahha legali tal-Pjan Lokali, imressaq permezz ta' mozzjoni da parti tal-Ministru konvenut, jirrizulta mill-approvazzjoni li nghatat fis-26 ta' Lulju, 2006, mill-Kamra tad-Deputati, kompitu li jaqa' esklussivament f'hogor il-Parlament u mhux tal-Awtorità appellanti.

L-azzjoni attrici issa hija msejjsa fuq ilment li l-ghemil legislattiv (it-tfassil ta' Pjan ta' Struttura mill-Parlament) huwa skorrett ghax jikser il-ligi, id-

drittijiet fondamentali taghhom u l-Kostituzzjoni, u huwa fuq dawn il-binari li l-kawza trid titkompla.

Il-konsegwenza logika ghar-rinunzja ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 bil-fors iwassal ghall-konkluzjoni li l-Awtorità appellanti mhix legittima kontraditrici ghat-talbiet attrici, u jitqies opportun li s-sentenza appellata tigi riformata f'dan is-sens billi tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalkemm dan ifisser li ma hemmx htiega li jigi investit ulterjorment it-tielet aggravju tal-Awtorità appellanti, peress li dan l-aggravju kien sostnut mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu, huwa ritenut opportun li ssir kjarifika fir-rigward.

Kif inghad qabel, l-azzjoni tal-atturi appellati oriġinarjament ma kenitx ibbazata unikament fuq l-Artikolu 469A, izda wkoll fuq l-allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni kemm tal-artikolu 45, kif ukoll tal-Artikolu 37, billi jinghad li l-eghmil kontestat jivvjola kemm id-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà u jivvjola l-projbizzjoni kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll jallegaw il-vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u, cioe`, tad-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija tal-proprjetà, kif ukoll tal-Artikolu 14 mehud in konsiderazzjoni ma' Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u, cioe`, diskriminazzjoni fil-konfront tar-

rikorrenti fit-tgawdija tal-proprjetà taghhom, kif jirrizulta mit-tielet u r-raba' talbiet attrici.

Huwa ritenut li l-ewwel Qorti, wara li ghamlet referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Novembru, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Borg v. Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern et** korrettement irriteniet li l-qrati jistghu jistharrgu eghmil legislattiv u dan ai termini tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni u ordnat lill-atturi appellati sabiex jaghmlu t-talba ghall-korrezzjoni opportuna fir-rikors promotur taghhom.  Konsegwentement din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-Avukat Generali li din il-korrezzjoni b'xi mod tbiddel is-sustanza tal-azzjoni attrici fil-mertu.  Il-korrezzjoni ordnata mill-ewwel Qorti kienet biss materja ta' puntwalizzazzjoni u mhux bidla fis-sustanza tat-talbiet attrici, li sa mill-bidu nett kienu jinkludu rimedji ta' natura kostituzzjonali.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-Awtorità appellanti, billi tilqa' l-istess limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u minflok tilqa' l-istess eccezzjoni taghha u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija taghha.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu mill-atturi appellati.

L-atti jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df